# Tribunal Industrijali

# Deċiżjoni Nru: 2593

**Każ Nru : 2865/ET**

**Fil-Kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Christian Fenech**

**u**

**Alberta Fire & Security Equipment Ltd (C 6606)**

Illum : 25 ta' April, 2019

*dwar : tkeċċija mill-impjieg allegata li hi nġusta*

***Chairman*: Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A.(Hons), Dip. Mgt**

**Introduzzjoni u dikjarazzjonijiet tal-każ:**

Dan il-każ ġie ntavolat permezz ta' rikors mill-Avukat Dr. Mark M. Busuttil fil-14 ta' Diċembru, 2010, f'isem ir-rikorrent Christian Fenech. Fir-rikors ir-rikorrent spjega li hu kien ġie assunt mis-soċjeta' intimata bħala *skilled labourer* u bla ebda raġuni valida fil-Liġi l-impjieg tiegħu ġie tterminat abbużivament u b'mod skorret fis-17 ta' Settembru 2010. F'nota separata datata 19 ta' Jannar, 2011, ir-rikorrent iddikjara b'mod mhux daqshekk ċar li hu kien ilu mpjegat mas-soċjeta' intimata bħala *skilled labourer* b'mod indefinit, imma fit-3 ta' April, 2008, ingħata kuntratt ta' tlett (3) snin bħala *plumber*.

Illi r-rikorrent qatt ma kellu problema mad-diriġenti tas-soċjeta' għax dejjem mexa kif suppost u dejjem uża drittijiet li jirriżultaw mal-Liġi. Illi d-diriġenti dejjem kellhom fiduċja fih tant li għamluh *team leader*.

Illi t-terminazzjoni saret b'mod verbali wara li r-rikorrent kien daħal għax xogħol, min Edwin Aquilina (*Head of Dept*), Frans Mallia (*Asst. Manager*) u Kathleen Vella (HR). Dawn qalulu li l-impjieg se jiġi mitmum mingħajr ma ngħata raġuni bil-miktub. Ir-raġuni bil-fomm kienet li r-rikorrent ibaghti b'*asthma* u jekk jingħata *light work* kien se jieħu post ħaddieħor.

Ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li t-tkeċċija hija waħda ngusta u kontra l-Liġi, u li għaldaqstant jingħata kumpens ġust għad-danni li sofra.

Min-naħa tagħha, s- soċjeta' intimata permezz ta' l-Avukat Dr. Katia Mercieca ddikjarat kif ġej:

Illi r-rikorrent beda l-impjieg tiegħu mas-soċjeta' fit-30 ta' Marzu 2005 u ġie tterminat fis-17 ta Settembru 2010.

Illi kien ġie mpjegat fid-Dipartiment *Large Projects* u kien jirraporta lil Inġinier Ewdin Aquilina u l-*Assistent Project Manager* Frans Mallia . Ix-xogħol tar-rikorrent kien manwali u kien ta' strapazz. Ir-rikorrent kien beda tajjeb u kien diliġenti u kompetenti, iżda s-sitwazzjoni nbidlet meta sofra ġrieħi f'diragħajh u t-tali stat ta' saħħa ma kienx relatat ma' l-impjieg. B'din il-konsegwenza r-rikorrent ma' kienx fiżikament kapaċi jaqdi d-dmirijiet tiegħu.

Illi fit-28 ta' Marzu 2008 inħarġet l-ewwel ittra lir-rikorrent fuq nuqqas ta' kollaborazzjoni mas-superjuri tiegħu.

Illi s-sitwazzjoni kompliet sejra lura fejn ir-rikorrent kien ta' detriment ghat-*team* għax sar aktar traskurat, negliġenti u imprudenti u dan kellu effett negattiv fuq sħabu. Anke l-mediċini li kien jieħu kellhom impatt, speċjalment impatt perikoluż.

Illi fi Frar 2009, ir-rikorrent naqas serjament waqt xogħol fuq il-bastiment MV Fjell fejn ikkommetta żball serju fid-*dimensional drawings* fejn l-attrezzatura kellha tiġi ordnata mill-ġdid u x-xogħolijiet twalu bi spejjeż żejda konsiderevoli. Kienet ħarġet ittra datata 13 ta' Frar 2009.

Ir-rikorrent naqas li jisottometti spjegazjoni ta' l-inċident u għaldaqstant wkoll fit-13 ta' Frar 2009 inħareġ *warning*.

Illi wara dan, uffiċjali tas-soċjeta' kontinwament idduskutew il-problemi eżistenti mar-rikorrent u ppruvaw isibu soluzzjonijiet iżda kien ċar li l-istat ta' saħħa tar-rikorrent irrendiet l-impjieg tiegħu impossibli.

Illi r-rikorrent ma kienx aktar kapaċi jaqdi dmirijietu u ma baqax addatat għal-impjieg u s-soċjeta' kienet kostretta tittermina l-impjieg tiegħu.

Illi allura t-terminazzjoni tar-rikorrent kienet waħda 'ben motivata' u ġustifikata u t-talbiet tar-rikorrent jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

**<u>Provi</u>**

F' dawn il-proċeduri xehdu: L-Ing. Edwin Aquilina – Kap ta' Dipartiment; Kathleen Vella – *HR consultant*; Frans Mallia – *Task Force* Manager; Liz Barbaro Sant – Direttur u r-rikorrent. Ġew esebiti wkoll affidavits mir-rikorrent, Frans Mallia u Kathleen Vella. Ġew esebiti diversi dokumenti.

**<u>Kunsiderazzjonijiet</u>**

Dan it-Tribunal għandu biex jikkonsidra jekk is-soċjeta' intimata kinitx ġusta li keċċiet lir-rikorrent għax ma kienx tajjeb iktar għax xogħol.

Dan każ, li ttawwal ħafna, iżda t-Tribunal ħa jmur f'ras il-għajn mill-ewwel, wara li fela kull xhieda u dokument, jiġifieri għaliex tkeċċija bir-raġuni tkun *not suitable for work*, mhux tajjeb għax xogħol.

Ir-rikorrent beda b'mod pożittiv ferm mal-kumpanija. L-ewwel snin kienu eċċellenti tant li qalulu biex jibda jmexxi *team* ta' ħaddiema bħala *team leader.* Ħafna mix-xogħol kien manwali u ta' strapazz li jinvolvu proġetti kbar. Jidher li r-rikorrent ma baqax iżomm din il-konsistenza pożittiva minħabba saħtu. Kellu wkoll żewġ twissijiet fuq negliġenza (Marzu 2008 / Frar 2009).

Ir-rikorrent ġie tterminat fuq stat ta' saħħa. Illi ma kienx aktar kapaċi jaqdi d-dmirijiet tiegħu. Fuq dan it-Tribunal irid jiddeċidi jekk is-soċjeta' intimata mxietx b'mod ġust.

Ir-rikorrent kien ilu sitt snin jaħdem mas-soċjeta' intimata. Beda tajjeb, kompla tajjeb iżda bdew il-problemi meta fiżikament beda jbati. Mhux negat li xogħolu kien ta' strapazz.

Kellu rapport ta'negliġenza ukoll kif ġie irreferut aktar il-fuq.

Ir-rikorrent tkeċċa billi ġie nfurmat bil-fomm u fuq it-*termination form* ingħatat raġuni ta' *dismissed* u rimarka *not suitable for work.*

It-Tribunal innota nuqqasijiet min-naħa tas-soċjeta intimata. Ma kien hemm l-ebda process ta' dixxiplina u dan probabbli ma sarx jew ma setgħax isir għax ir-raġuni kienet *sick leave* jew *injury leave* li kienet tfisser li r-rikorrent ma kienx għadu tajjeb għax-xogħol. It-Tribunal huwa konoxxenti li f' ħafna każijiet bħal dawn jinħatar bord mediku jew jinstab xogħol alternattiv anke forsi sakemm tista' tinbidel is-sitwazzjoni ta' saħħa ta' l-individwu.

Fuq xogħol alternattiv sar tentattiv fjakk skont it-Tribunal. Is-soċjeta' ddikjarat li ħadet in-konsiderazzjoni din l-alternattiva, iżda dak iż-żmien ma kien hemm l-ebda xogħol addatat. Ġara wkoll li Aquilina u Mallia ippruvaw jagħtu xogħol lir-rikorrent bħala *on-site foreman* iżda din l-idea waqgħet għax xi ħaddiema oġġezzjonaw. It-Tribunal jistaqsi dan x' tip ta' *management* hu? Jekk ikun deċiż li persuna jkollha xogħol alternattiv din tiġri. Hawn qed nitkellmu fuq kumpanija ta' ċertu statura u reputazzjoni. Irresponsabbli u fl-istess ħin sinifikanti kienet l-ittra ta' rakomandazzjoni li s-soċjeta' għamlet lir-rikorrent qabel spiċċa. It-Tribunal innota wkoll li s-*sick leave* li ħa r-rikorrent kien dejjem ċertifikat u għalkemm mhux se jidħol fil-mertu mediku jekk kienx *sick leave* jew *injury,* it-Tribunal ma jistax ma jirrelatax ċertu xogħol tar-rikorrent, eżempju l-issikkar, mal-kawża tat-*tennis elbow*.

## **Deċiżjoni**

It-Tribunal qed jiddeċiedi li t-tkeċċija kienet waħda inġusta u għaldaqstant ir-rikorrent jimmerita kumpens.

Dan il-kumpens qed jiġi stabbilit fl-ammont ta’  wieħed u ghoxrin elf u mitejn euro (€21,200), liema kumpens għandu jitħallas mis-soċjeta’ intimata lir-rikorrent fi żmien xahar mid-data ta’ din id-deċiżjoni.

Dan il-kumpens ġie stabbilt fuq tmintax (18) il xahar pagi li skond it-Tribunal kien żmien appromissattiv fejn ir-rikorrent sab diffiċli biex isib xogħol addattat, xi arretrati u parti appromissattiva ta’ nuqqas ta’ ħlas ta’ reġistrazzjoni għax xogħol.

Għal finijiet tal-kapitlu 452 tal-liġijiet ta’ Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jiġu ffisati fl-ammont ta’ tlieta u disghin euro u sbatax-il centezmu (€93.17).

B’ hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

Iffirmat : Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A.(Hons), Dip. Mgt

*Chairman*

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja